# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 96/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Marco Pisani**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Marco Pisani, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 560682M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' Marzu 2015, April 2015 u Mejju 2015 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat, skont Kap 9 Artikolu 18 fejn naqas milli jaghti lil Tasmin Zammit, is-somma ta' €200 fix-xahar, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Frar, 2016 li biha sabet lill-appellant Marco Pisani, hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti u kkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Marco Pisani, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija, izda taghti sentenza aktar ekwa u gusta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat ukoll in-nota tal-appellant bid-data tal-21 ta' Frar 2017 bil-visto tal-parte civile li fiha ddikjara li l-ammont dovut bhala manteniment kif fuq spjegat illum huwa mhallas;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appell odjern jirrigwarda biss il-piena kominata mill-ewwel Qorti minkejja illi fl-aggravju tieghu jillanja l-fatt li ghalkemm huwa hallas l-parti l-kbira tal-manteniment ma setghax jissalda d-debitu tieghu ghaliex jinsab bla xoghol;
2. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-

piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

3. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xahrejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal-piena ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.